# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Frar 2020**

## Il-Pulizija
## (Spettur Roderick Agius)

**vs**

## Silvester Zahra

**Kumpilazzjoni Nru: 909/2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Silvester Zahra, ta' 23 sena, bin Francis Zahra u Mary xebba Cassar, imwieled Pieta', nhar il-15 ta' April, 1988 u residenti fil-fond Binja Hesri, Ent E, Flat 1, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 207288(M).

1. Akkuzat talli nhar il-5 ta' Awwissu, ghall-hin ta' bejn id-09pm u l-10pm, fi Triq Luret Cutajar, Zebbug, bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' dak ta' omicidju volontarju u billi wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi ta daqqa ta' zappun fuq il-persuna ta' Antoine Saliba, liema omicidju ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' ta' Silvester Zahra.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antoine Saliba, skond kif iccertifikat Dr.Maria Galea MD med reg no: 5290 mill-isptar Mater Dei.

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli u cioe' fuq vettura ta' l-ghamla Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni IAD 434 liema hsara tammonta ghal €356.36 u fuq il-vettura ta' l-ghamla Isuzu b'numru ta' registrazzjoni FAB 726 liema hsara tammonta ghal €325.16 ghad-detriment ta' Antoine Saliba u Carmel Saliba rispettivament.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu munizzjon (pepper spray) projbit kif imsemmi fl-iskeda 1, tal-Kapitolu 480 (Att dwar l-armi) tal-Ligijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament, kiser l-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

6. U aktar talli, ghamel reat waqt fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta ta' Antoine Saliba.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

- 214, 215, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 3, 4, 11, 51 u l-Iskeda I tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh nhar il-5 ta' Awissu 2011 f'liema incident kienu involuti l-imputat, Joseph Borg u Antoine Saliba. F'dan l-incident soffrew griehi Antoine Saliba u Joseph Borg u jidher li giet ikkawzata hsara f'tlett vetturi.

## Il-Provi Prodotti

Illi xehedu diversi ufficjali tal-pulizija li kienu involuti f'l-investigazzjoni ta' dan il-kaz:

- L-ispettur Tony Cachia[1] xehed diversi drabi. F'l-ewwel depozizzjoni tieghu[2] spjega li fil-5 ta' Awissu 2011 ghall-habta ta'l-10.30pm kien hemm glieda fi Triq Loret Cutajar Haz-Zebbug f'liema glieda zewg persuni soffrew griehi ta' natura gravi; f'din il-glieda kienu involuti l-imputat u Joseph Borg minn naha u Antoine Saliba min-naha l-ohra. Jidher li d-disgwid nqala minhabba minhabba xi pendenzi li kien hemm bejn Joseph Borg u l-familja Saliba naxxenti minn lokazzjoni ta' propjeta ta' Saliba. Mill-investigazzjoni irrizulta li fil-gurnata in ezami l-ewwel kien hemm argument bejn Borg u missier Saliba. Aktar tard dak in-nhar Borg, flimkien ma l-imputat u xi persuni ohra (Melvin Catania u Malcolm Calleja), mar biex jiehu l-affarijiet tieghu mill-appartament li kien jikri minghand Saliba. Meta marru Borg ma setghax jiftah il-bieb, cempel lil familjari ta' Saliba u kellem lil ommu u talabha tibghat lil binha (cioe Antoine) biex jiftahlu. Antoine Saliba mar u rega' qam argument dwar il-kera u xi flejjes ohra li kienu pendenti bejniethom u spiccaw f'l-idejn. Skond ix-xhud mill-investigazzjoni irrizulta li Joseph Borg u l-imputat attakkaw lil Saliba b'invell tal-madum u zappun rispettivament. Dawn l-ghodda haduhom mill-van ta' missier Borg; Borg kien uza il-van ta' missieru biex igorr l-affarijiet. Ix-xhud zied li fil-kors tal-kollutazzjoni soffrew griehi l-partijiet koncernati u saret ukoll hsara f'tlett vetturi: wahda propjeta ta' Antoine Saliba, wahda ta' missieru, u l-ohra ta' missier Joseph Borg. Zied ukoll li kien hemm allegazzjoni li fil-kors tal-glieda intuza pepper spray mill-agressuri ta' Saliba u li xi hadd uza ponn tal-hadid f'l-agressjoni kontra Borg. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat allega mieghu li huwa intervjena biex jiddefendi lil Borg u li dan

[1] Li originarjament kien l-ufficjal prosekutur; hu kien l-ispettur li investiga dan il-kaz.
[2] A fol 18 et seq.

ghamlu meta gia kienet eskalat il-glieda bejn Saliba u Borg. Iz-zappun li ntuza mill-imputat baqa ma nstabx mill-pulizija meta waslu fuq il-post.

L-ispettur Cachia rega xehed biex jesebixxi filmati mehuda mic-CCTV u stills mehuda minn dawn il-filmati[3], u biex jesbixxi tlett dokumenti mghoddija lilu minn Saliba: zewg quotations u ricevuti ghall-hsara fil-van[4]. Dawn id-dokumenti gew konfermati mill-persuni li harguhom[5]. L-ispettur esebixxa ukoll sentenza mghotija fil-15 ta' Novembru 2007 fil-konfront ta' l-imputat u certifikat mediku ta' Antoine Saliba[6] .

- PS274 James Turner[7] jispjega li meta wasal fuq il-post fejn kienet sehhet il-glieda sab lill-imputat, lil Joseph Borg u missieru Charlie Borg, lil Melvin Catania u Malcolm Calleja, u ftit l' boghod lil Antoine Saliba u missieru Carmelo Saliba. Ix-xhud innota li Joseph Borg kellu qata' fuq ghajnejh fil-waqt li Antoine Saliba beda jghid li kellu qtugh f'daru; Saliba ittiehed l-isptar b'ambulanza fil-waqt li Borg mar l-isptar ma' missieru. Ix-xhud innota ukoll li kien hemm tlett vetturi li kellhom xi hsarat. Huwa ha l-verzjonijiet tal-partijiet u nnota li kien hemm stabbilimenti li kellhom CCTV; irrizulta li wiehed minnhom kellu footage relevanti ghal kaz in ezami. Ix-xhud ikkonferma ukoll li z-zappun li ntuza baqa ma nstabx wara l-incident minkejja li fittxew fil-vetturi u diversi postijiet ohra. L-istess xhud ikkonferma ukoll[8] li a tempo vergine, meta kienu ghadhom fuq il-post ta' l-incident, Antoine Saliba indika l-persuna li kien liebes flokk abajd (cioe l-imputat) bhala l-persuna li tah daqqa biz-zappun u indika lil Borg bhala l-persuna li aggerdih bil-marlozz.

- PS601 Justin Camilleri[9] (mit-taqsima ta'l-RIU) kien wiehed mill-ewwel pulizija li waslu fuq il-post; dak il-hin il-glieda kienet diga waqfet u l-partijiet involuti kienu qeghdin fuq nahat differenti tat-triq; fuq naha kien hemm erba' irgiel u fuq naha ohra zewgt irgiel. Wiehed mill-grupp taz-zewg irgiel, Antoine Saliba, kien midrub u qallu li wiehed mill-erbgha li

---

[3] Depozizzjonji a fol 98; il-filmati u r-ritratti huma esebiti bhala Dok 5 a fol 100.
[4] Depozizzjoni a fol 147; id-dokumenti huma esebiti bhal Dok 6 a fol 148.
[5] Ref depozizzjoni ta' PC453 Brian Cassar li kien l-ufficjal li ha kopja tac-CCTV u hareg l-istills u depozizzjoni ta' Joe Zammit (a fol 151), Karmenu Saliba (a fol 154), u Joe Gatt (a fol 157).
[6] Ref depozizzjoni a fol 175 fir-rigward tas-sentenza, u depozizzjoni a fol 195 fir-rigward tac-certifikat; is-sentenza hija esebita bhala Dok 7 a fol 176A, ic-certifikat huwa esebit bhala Dok 8 a fol 197.
[7] Depozizzjoni a fol 47 et seq.
[8] Depozizzjoni a fol 160.
[9] Depozizzjoni a fol 101 et seq.

kien hemm faccata kien ghadu kif aggredih b'marlozz; Saliba indikalu minn kien mill-erbgha' irgiel. Is-surgent mar fuqu u din il-persuna identifikat lilha nnifisha bhala Silvester Zahra, cioe l-imputat. Saliba allega ukoll mas-surgent li kien gie aggrediet permezz ta' pepper spray; is-surgent ma sabx bottijiet ta' pepper spray pero innota xi residue fuq il-persuna ta' Saliba. Is-surgent innota ukoll li wiehed minn dak il-grupp ta' erbgha kellu ferita fuq ghajnejh; dan allega li din il-ferita ghamilhilu Saliba. Issejjhet ambulanza u mbaghad l-investigazzjoni tkompliet mill-pulizija tad-distrett.

- WPS 132 Rita Compton[10] ikkonfermat li l-imputat ma kellu l-ebda permess mahrig f'ismu taht l-Arms Ordinance.

Illi tressqu ukoll bhala xhieda l-persuni kollha li b'xi mod jew iehor kellhom involviment f'l-argument u l-kollutazzjoni sussegwenti:

- Melvin Catania[11]jirrakkonta li fil-gurnata in ezami mar flimkien ma' Malcolm Calleja biex jghinu lil Joseph Borg igorr xi affarijiet pero sabu is-serratura tal-bieb mibdula. Borg cempel lis-sid li eventwalment gie fuq il-post. Borg u s-sid bdew jargumentaw u jitghajjru sa kemm spiccaw jiggieldu. Catania kompla jispjega li "*l-glieda sahnet , kienu Silvester, Joseph u sid il-post jiggieldu, jien u Malcolm dorna l-kantuniera u ma rajniex iktar mbaghad*". Mistoqsi jekk xi hadd mill-persuni koncernati kellux xi haga f'idejh jghid li ma jafx pero jaf li ntuza spray u dan ghax ra spray itir; jghid li ma jafx f'idejn min kien. Catania zied li eventwalment Joseph Borg u l-imputat gew jigru hdejhom, Borg kellu wiccu kollu demm u cempel lil missieru. Meta missier Borg wasal fuq il-post regghu marru hdejn il-van biex jiehdu l-affarijiet; il-van kien mkisser. Konfrontat b'dak li qal lill-pulizija a tempo vergine Catania ikkonferma li l-spray seta' kien f'idejn l-imputat jew Borg; ikkonferma ukoll li l-imputat kellu xi haga f'idejh izda mhux cert hux zappun jew xi haga ohra. In kontroezami Catania jghid li marru ghall-affarijiet ta' Borg bil-van ta' missieru (cioe missier Borg). Jghid li l-argument iddegenera f'kollutazzjoni meta sid il-post ghajjar lil Borg, dan ghajjru lura u sid il-post irreagixxa billi "*faqqalu wrest go mohhu*". Dwar l-imputat jghid li dan ndahal wara li kienet diga qamet il-glieda bejn Borg u Saliba. Zied ukoll li l-ispray intuza wara li nghatat l-ewwel daqqa ta' ponn u cioe meta kienet diga bdiet il-kollutazzjoni.

---

[10] Depozizzjoni a fol 225.
[11] Depozizzjoni a fol 57 et seq.

- Malcolm Calleja[12] ikkonferma li huwa kien mar, flimkien ma' l-ohrajn, biex jghin lil Joseph Borg igorr l-affarijiet; ikkonferma ukoll li sabu s-serratura mibdula u li, wara telefonata ta' Borg, eventwalment wasal Antoine Saliba fuq il-post. Meta wasla Saliba, Saliba u Borg bdew jitghajjru, u Saliba ta daqqa ta' ponn lil Borg; minn hemm bdiet il-glieda li ndahal fiha l-imputat ukoll. Calleja zied li hu u Catania telqu jigru u daru mal-kantuniera ghax ma ridux jinvolvu ruhhom. Calleja ma ta l-ebda informazzjoni ohra dwar il-kaz.

- Carmel Saliba[13], missier Antoine Saliba, jikkonferma li ghandu flat li kien mikri lil Joseph Borg. Dwar il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huwa jirrakkonta li meta huwa wasal fuq il-post ra tlieta fuq ibnu: wiehed kien Joseph Borg, l-iehor jghidulu *l-fox* u l-iehor ma jafux; wiehed minnhom kellu zappun f'idejh. Ix-xhud jghid li qabad xi haga f'idejh biex ibezzaghhom u fil-fatt telqu jigru. Joseph Borg, li kellu invell f'idejh beda jghidlu "*issa ejja*" pero dak il-hin waslu l-pulizja. Saliba kompla jirrakkonta li kien hemm ukoll missier Joseph Borg b'xafra ta' kumpressur u li kieku ma kellmux it-tifel u ma lahqux gew il-pulizija kien joqtolhom. Huwa zied li meta wasal fuq il-post bil-van l-persuna li kellha iz-zappun f'idejha beda jaghti fuq il-van. Meta kien qed jiddeponi Saliba ma seta jaraf lil hadd f'l-awla pero ikkonferma li lill-pulizija kien qalilhom li lil dak li jafu bil-laqam *il-fox* li kien rah biz-zappun f'idejh. Ix-xhud zied ukoll li meta wasal fuq il-post ibnu Antoine kellu diversi griehi u kien qed jibza' li ha jizvina. In kontro ezami iccara li meta wasal fuq il-post it-tifel tieghu kien diga ferut u x'hin raw lilu l-aggressuri taw l-ahhar daqqa fuq il-van. Iccara ukoll li huwa ma kienx jaf li dak li kellu z-zappun f'idejh kienu jghidhulu *l-fox* imma dan sar jafu wara ghax qallu t-tifel.

- Antoine Saliba[14] da parti tieghu jikkonferma li kien hemm disgwid ma' Joseph Borg minhabba problemi relatati mal-kiri ta'l-appartament. Ikkonferma ukoll li fil-gurnata in ezami kien hemm argument iehor fil-ghodu u li ftit wara dan l-ewwel argument biddlu s-serratura tal-bieb ta'l-appartament li kien mikri lil Borg. Huwa ikkonferma ukoll li wara li biddlu s-serratura cemplitlu ommu u qaltlu biex imur halli jkellmu Borg. Saliba mar bil-van; sab lil Borg flimkien ma' xi tlieta jew erbgha persuni

[12] Depozizzjoni a fol 69 et seq.
[13] Depozizzjoni a fol 73 et seq.
[14] Depozizzjoni a fol 104 et seq.

ohra; hu ma kienx jaf min huma. Saliba jirrakkonta li hekk kif wasal Borg beda joffendih u pretenda li jiftahlu l-appartament; hu pero qallu li l-ahjar imorri l-ghassa u jaghmlu skond ma jghidulhom il-pulizija. Hekk kif Saliba kien ser idur biex imur ghal van Borg tah is-salt u zammu fil-waqt li t-tlieta li kien hemm bil-qeghda qamu; jghid li kellhom il-pepper spray. Saliba kompla jirrakkonta li hu mbotta lil Borg u telaq jigri imma gew jigru warajh jissprejjaw. Kif spiccaw il-bottijiet gabu ghodda mill-van: zappun, marlozz u invell u bdew jigru warajh u jaghtuh bis-siq u biz-zappun. F'zi hin iz-zappun laqat il-van ta' Saliba u van iehor li kienu gew bih huma. Saliba kompla jispjega li hu kien hafi u meta kien qed jigri dahlet hgiega f'saqajh u waqa u kif kien ma'l-art dak taz-zappun tah daqqa biz-zappun go daru fil-waqt li bdew jaghtuh bil-marlozz u b'l-invell. Dak li kellu z-zappun kien ser jaghtih daqqa ohra pero propju dak il-hin wasal missier Saliba bil-van tieghu u dak li kellu z-zappun dar u ta daqqa fuq il-van ta' missier Saliba. Missier Saliba niezel ghalih pero, ra lil ibnu ma'l-art, mar jigri warajhom u telqu jigru. Dak il-hin gie missier Joseph Borg b'xafra f'idejh u ftit wara gew il-pulizija. Mistoqsi minn tah id-daqqa biz-zappun Saliba qal li kien l-imputat. Zied li l-ghodda li uzaw biex jaggreduh gabuhom mill-van ta' missier Borg. In kontro ezami Saliba ikkonferma li kien hu li bidel is-serratura ta'l-appartament mikri lil Borg, pero cahad li fil-hin ta'l-incident kellu ponn tal-hadid u cahad ukoll li hu ta daqqa ta' ponn lil Borg; iccara li l-invell kien f'idejn Borg. Saliba insista li hu kull m'ghamel kien li imbotta lil Borg u li meta l-imputat ra hekk gie jaqbez ghal Borg u minn hemm qamet konfuzjoni shiha. Iccara ukoll li hu lill-imputat ma kienx jafu qabel u kien wara l-incident li sar jaf li kellu laqam *il-fox* wara. Huwa dak il-hin identifikah bhala l-persuna li kien liebes flokk abjad b'akjla fuqu.

- Carmen Saliba[15], omm Antoine, ikkonfermat li Joseph Borg kien cemplilha darbtejn biex tibghat lit-tifel biex jifthulu l-bieb ta'l-appartament; mit-ton uzat hija fehemet li Borg kien irrabjat. Ix-xhud spjegat ic-cirkostanzi li wasslu biex Borg kera l-appartament minn ghandhom u l-varji problemi li kellhom tul din il-lokazzjoni. Hija tallega li Borg kellu qattusa (fost hafna qtates ohra) li kien jisimha Fox.

- Joseph Borg[16] spjega kif hu kien jikri appartament minghand Saliba u li fil-ghodu, fil-gurnata in ezami, kien inqala' argument ma' Antoine Saliba

[15] Depozizzjoni a fol 116 et seq.
[16] Depozizzjoni a fol 301 et seq.

u missieru u spicca biex kellu jsakkarhom f'l-appartament ghax kienu ser jaghmlu ghalih. Aktar tard dak in-nhar mar f'l-appartament biex igib l-affarijiet tieghu u ha mieghu biex jghinuh lill-imputat u lil Melvin Catania u iehor ma jafx x'jismu pero jafu bil-laqam *il-Boxer*. Sab is-serratura ta'l-bieb mibdula ghalhekk cempel lil omm Antoine Saliba biex jmorru jifthulu; hi talbithu xi flus li pretendiet li kienu dovuta lilhom pero hu qallha li mhux ser ihallas xejn. Meta wasal Antoine Saliba fuq il-post huwa mill-ewwel talbu l-flus, Borg qallu li ma kellux il-flus, u Saliba irreagixxa billi qallu li mhux ser jiftahlu. Saliba dar biex jitlaq pero hareg ponn tal-hadih mill-but u lil Borg tah daqqa fuq ghajnejh biha. Borg storda u l-imputat qabez ghalih pero Borg jghid li dak il-hin ma jafx x'gara ezatt minhabba li kien stordut. Meta gie f'tieghu ra lill-imputat qed idur mal-karozzi jigri wara Saliba. Dak il-hin hadd ma kellu xejn f'idejh pero Borg mar gol van u qabad l-invell, dar mal-van fil-waqt li l-imputat dar man-naha l-ohra u Borg ta daqqa lill-imputat. Mbaghad l-imputat tela gol-van u gab marlozz. Dak il-hin gie missier Antoine Saliba bil-van u saq ghal fuq l-imputat li ta daqqa bil-marlozz fuq il-van misjuq minn missier Saliba. Missier Saliba hareg mill-van b' zewg skieken tal-fniek u waddab wahda izda ma laqatahomx; Borg u l-imputat telqu jigru. Missier Saliba mar fuq ibnu. Mistoqsi aktar dwar l-involviment ta' l-imputat, Borg kompla jghid li wara li ta daqqa bil-marlozz fuq il-van ta' missier Saliba mar hdejn Antoine pero ma jafx x'ghamel ghaliex hu (cioe ix-xhud) mar hdejn il-kantuniera. Fuq mistoqsijiet tal-parte civile x-xhud jghid li lil Saliba huwa tah daqqa b'l-invell fuq daru u meta tah din id-daqqa Saliba waqa' ma'l-art u hu ma kompliex jaghtih. Jghid ukoll li hu ra pepper spray f'idejn Saliba. In kontroezami mbaghad jghid li l-ewwel daqqa f'l-incident taha Antoine Saliba lilu u li dak il-hin l-imputat, Catania u Calleja kienu fil-van u hargu meta hu qala d-daqqa ta' ponn. Jghid ukoll li wara li hu ta daqqa lil Saliba u dan waqa' ma'l-art ra lill-imputat gej bil-marlozz li gab mill-van u li pero hu (ix-xhud) ma rax lill-imputat juza dan il-marlozz fuq Saliba; anzi jzid li l-imputat lanqas kellu cans ghaliex malli kien gej bil-malozz saq ghal fuqu missier Saliba. In ri-ezami x-xhud rrepeta li mad-daqqa li tah Saliba huwa storda u ghal ftit minuti huwa ma kienx jaf x'inhu jigri; meta gie f'tieghu mar ghall-invell u beda jigri wara Saliba; dak il-hin l-imputat kien qed jigri wara Saliba madwar il-karozza.

Illi tressqu bhala xhieda ukoll:

- Brian Farrugia in rapprezentanza ta' Transport Malta[17] li kkonferma li l-van Tata b'numru ta' registrazzjoni EAH 543 hija propjeta ta' Carmel Borg; il-vettura ta' tip Ford Escort b'numru ta' registrazzjoni IAD 434 hija propjeta ta' Antoine Saliba, u li vettura ta' tip Isuzu TFR b'numru ta' registrazzjoni FAB 726 hija propjeta ta' Carmel Saliba.
- Dr Maria Galea MD[18] li kienet ezaminat lil Antoine Saliba meta iddahhal l-isptar. Hija kkonfermat li kellu diversi abbrazzjonijiet ma' gismu inkluz irkuptejh, dahru u saqajh. L-aghar ferita li kellu pero kienet dik fuq in-naha tax-xellug ta' daru, liema ferita kienet fonda u laqtilu wiehed mill-irkiekel ta' daru li fiha kien hemm ksur ukoll. Ix-xhud ikkonfermat ic-certifikat li kienet irrilaxxjat u kjarifikat li dik li irriferit ghaliha bhala *stab wound* kienet il-ferita li kellu f'daru u li skond m'allega Saliba kienet rizultat ta' daqqa ta' zappun.

## Osservazzjonijiet Preliminari

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li l-incident li dwaru tressqu l-provi kollha sehh nhar il-5 ta' Awissu 2011. Fic-citazzjoni pero s-sena mhiex indikata, imma hemm biss indikazzjoni tal-gurnata u x-xahar, cioe "*5 ta' Awissu*". Ic-citazzjoni fil-fatt tghid hekk:

> *Akkuzat talli nhar il-5 ta' Awwissu, ghall-hin ta' bejn id-09pm u l-10pm, fi Triq Luret Cutajar, Zebbug, bil-hsieb.....*

Illi ghandu jigi rilevat li d-difiza ma ssolevatx dan il-punt pero il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma tipprocedi biex tikkunsidra jekk fil-mertu jirrizultaw l-imputazzjonijiet li bihom qed jigi addebietat l-imputat ghandha titratta dan il-punt.

Illi ai termini tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta'*

[17] Depozizzjoni a fol 201.
[18] Depozizzjoni a fol 203.

*zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.*

Illi fil-gurisprudenza wiehed isib diversi sentenzi li jittrattaw l-effett li jista jkollu zball fic-citazzjoni meta dan l-izball jirreferi ghal cirkostanza li tkun tant materjali u sostanzjali.

Illi l-gurisprudenza prevalenti tirreferi ghal zbalji fid-data, fil-hin jew fil-post li fihom ikunu sehhew l-fatti li fuqhom jkunu bazati l-imputazzjonijiet. Fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismijiet Pulizija vs John Mary Briffa, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta" tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament.*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat f'diversi kawzi ohra. Sentenza aktar ricenti mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza f'l-ismiijet Pulizija vs Michael Camilleri et mghotija fis-26 ta' April 2018, dik il-Qorti illiberta lill-imputati ghaliex fi kliemha:

*il-Qorti qatt ma tista' issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh mhux biss fi zmien iehor, izda ukoll f'xi post iehor mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista' thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif*

*indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin.*

Illi pero fil-kaz in ezami fic-citazzjoni m'hemmx zball ghaliex id-data "5 ta' Awissu" hija korretta; imma hija nieqsa l-indikazzjoni tas-sena. Din il-Qorti kif diversament presjeduta kellha l-opportunita tindirizza il-punt partikolari li qed jigi issa trattat, u cioe nuqqas (kif distint minn zball) ta'l-indikazzjoni tas-sena, u tenniet li dawn il-fattispecie jimmeritaw kunsiderazzjonijiet differenti minn dawk maghmula fis-sentenzi fuq citati u ohrajn bhalhom. Dan fis-sentenza mghotija fil-kawza Pulizija vs Peter Borg nhar is-27 ta' Lujlu 2016, meta l-Qorti qalet hekk:

*Jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputat kien jaf ben tajjeb biex kien qieghed jigi akkuzat tant li din il-kawza kienet assidwament kontestata mid-difiza u saru anki kontro-ezamijiet serrati. Inoltre' f'dan il-kaz m'ghandnix kwistjoni li kien hemm indikazzjoni ta' sena zbaljata bhalma gara fil-kaz succitat ghaliex naturalment f'dak il-kaz il-kunsiderazzjonijiet li riedu jsiru setghu kienu differenti, izda fil-kaz odjern is-sena thalliet kompletament barra. Ghalhekk din il-Qorti tqis li ghandha tipprocedi bil-kaz.*

Illi fil-proceduri odjerni, bhal f' dan l-ahhar kaz citat, in-nuqqas ta' l-indiazzjoni tas-sena ma kellu l-ebda effett negattiv fuq id-difiza ta' l-imputat ghaliex l-imputat kien jaf ezattament fuq liema incident kien qed jigi imharrek dwaru u, fit-termini ta'l-ahhar sentenza citata, il-binarji ta'l-azzjoni ma gewx definiti hzina. Tenut kont ta' dan u tal-fatt li l-imputat seta' jhejji d-difiza tieghu din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tipprocedi bil-kaz u taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha fil-mertu.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi rilevat li esebita in atti hemm ukoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar is-6 ta' Awissu 2011[19]; konformament ma' dak li kienet tipprovdi il-Ligi f'dak il-perjodu, din l-istqarrija giet irrilaxxjata wara li l-imputat inghata dritt jikkonsulta ma' avukat qabel ir-rilaxx ta'l-istqarrija, pero minghajr ma nghata d-dritt li jkun assistit waqt ir-rilaxx ta'l-istqarrija. Skond gurisprudenza prevalenti il-Qorti ser tiskarta din l-istqarrija

[19] Dok 1 a fol 28; giet esebita mill-Ispettur Cachia.

partikolarment meta tqis li ma jidhirx li kien hemm xi raguni impellenti li tiggustifika li l-imputat jigi mcahhad mid-dritt ta' konsulenza legali waqt ir-rilaxx taghha[20].

Ikkunsidrat

Illi uhud mix-xhieda, partikolarment Antoine Saliba u l-genituri tieghu u Joseph Borg u missieru, ghamlu emfazi u taw hafna dettalji fuq il-pendenzi li kien hemm bejniethom naxxenti mill-lokazzjoni ta'l-appartament fil-vicinanzi ta' liema sehh l-incident de quo. Inatghu dettalji ukoll fuq l-incident li sehh aktar kmieni fil-gurnata bejn Joseph Borg min-naha u Antoine Saliba u missieru min-naha l-ohra. Fil-verita dawn il-fatt m'ghandhom l-ebda relevanza ghar-rezoluzzjoni tal-kaz in ezami hlif biex jipprovdu retroxena u biex jaghtu indikazzjoni ta'l-*istato d'anima* tal-partijiet fil-hin li sehh l-incident mertu tal-proceduri odjerni.

## L-Ewwel Imputazzjoni

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni hija dik dwar attentat ta' omicidju ta' Antoine Saliba. Dan ir-reat pero mhux rifless f'l-artikoli tal-Ligi elenkati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju. Il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni.

## It-Tieni Imputazzjoni

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li, fic-cirkostanzi imesmmija f'l-ewwel imputazzjoni, ikkawza offiza ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Antoine Saliba; b'referenza ghal din l-imputazzjoni l-Avukat Generali rrefera ghall-artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[20] Fil-verita l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda u ghalhekk ma qal xejn li jista jinkriminah.

Illi d-difiza tallega li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri bdih il-parte civile Antoine Saliba meta agredixxa lil Joseph Borg, u li l-imputat indahal fil-kollutazzjoni biss biex jiddefendi lil Borg.

Illi dwar il-legittima difesa l-artikolu 223 tal-Kapitolu 9 jipprovdi li:

> *Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna ... ... huma mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.*

Illi pero l-Qorti ta'l-Appell Kriminali qalet hekk dwar l-legittima difesa:

> *Mhux kull minnn "jagixxi biex jiddefendi ruhu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-ligi titkellem car dwar il-"bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak li jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna hu ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli[21].*

Illi dan ifisser li d-difiza trid tkun saret sabiex jigu evitati konsegwenzi li jekk javveraw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lill-imputat. L-imputat irid jipprova li dak li ghamel ghamlu **biex jevita il-perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor.** Jigifieri l-perikolu ried ikun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel jew ta' xi perikolu li jista' jsehh aktar tard, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu irid ikun ukoll assolut, cioe li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor.

Illi f'din l-istess sentenza hawn fuq citata, dwar l-inevitabilita l-Qorti ta'l-Appell Kriminali specifikat li:

> *L-element tal-inevitabilita' jiġi nieqes meta wieħed, minflok ma jevita l-inkwiet ossia ġlied li jara ġej, meta dan ikun jista' b' mod raġonevoli jiġi hekk evitat, imur jaffrontah b' mod li jippreċipita huwa stess il-konfront fiżiku.*

---

[21] Ref Il-Pulizija vs Augusto Auguliaro deciza 26.08.1998.

Illi dan l-istess principju kien gie ribadiet mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali Superjuri fis-sentenza mghotja fil-kawza Repubblika ta' Malta vs Martina Galea[22]; dik il-Qorti fil-fatt irriteniet li:

> *.... huwa appena necessarju jinghad li rekwizit indispensabbli ghad-diriment tal-legittima difiza hija l-inevitabbilita', meta l-akkuzat "cannot escape though he would" bil-korollarju li ma nistghux nitkellmu dwar legittima difiza jekk l-akkuzat "would not escape though he could".*

Illi stabbiliti dawn il-principji bazilari u b'applikazzjoni taghhom ghal kaz in ezami,  il-mistoqsija li trid tigi interposta issa hija jekk l-agir ta' l-imputat kienx necessarju biex jigi evitat perikolu li ma setax jigi evitat b'mod iehor.

Illi huwa car mir-riassunt tal-provi prodotti li hemm kunflitt bejn fil-verzjonijiet mghotija, mhux biss ghal dak li jirrigwarda l-involviment ta' kull wiehed mill-persuni involuti, imma anke ghall-mezzi adoperati u minn min[23]. Pero minn ezami ta'l-assjem tal-provi processwali, inkluz il-filmati mehuda mic-CCTV's, il-Qorti setghet tasal ghal dik li kienet id-dinamika ta'l-incident u min kienu l-atturi principali fih. Jidher car li meta Antoine Saliba wasal fuq il-post qam argument verbali bejnu u bejn Joseph Borg. Saliba kien beda jallontana ruhu u fil-fatt rega dahal fil-karozza tieghu pero Borg jidher li baqa jindirizza lil Saliba hekk kif dan rega dahal fil-vettura u rega beda jsuq. Kien x'kien id-diskors li kien qed jinghad Saliba rega' hareg mill-karozza u mar fuq Borg u komplew jargumentaw wicc mbwicc. F'hin minnhon Saliba ta daqqa ta' ponn lil Borg u malli ta din id-daqqa ta' ponn rega beda jallontana ruhu. Sa dak il-hin l-imputat, Melvin Catania u Malcolm Calleja kienu bil-qeda fuq il-bankina josservaw dak li kien qed jigri; malli Saliba ta daqqa ta' ponn lil Borg huma qamu jigru u flimkien ma' Borg kollha kemm huma marru jigru wara Saliba. Baqaw jigru wara Saliba f'l-istess inhawi u madwar il-karozzi taghhom sakemm Borg qabad invell u l-imputat qabad zappun mill-vettura u bihom hebbew ghal Saliba. Kien f'dan l-istadju li Melvin Catania u Malcom Calleja allontanaw ruhhom. L-imputat u Borg waqfu mill-agressjoni taghhom meta waslu l-ewwel missier Saliba u ftit wara missier Borg.

---

[22] Deciza 14.01.1986.

[23] Dan il-kunflitt ma fissirx li l-Qorti ghandha necessarjament tillibera lill-imputat. Dan ghaliex hija obbligata li tevalwa il-vezzjonijiet kunfliggenti fid-dawl tal-provi kollha prodotti b'l-ghan li tara lil min tista temmen u f'xiex.

Illi minkejja dak li jghid, l-imputat ma ndahalx biex iferraq imma biex flimkien ma' Borg ikompli jattakka lil Saliba. Wara li Saliba ta daqqa ta' ponn lil Borg huwa (cioe Saliba) beda jallontana ruhu; Borg u shabu minflok baqaghu fejn kienu jew adirittura telqu jigru in-naha l-ohra biex jevitaw lil Saliba, marru jigru warajh. Aghar minn hekk Borg u Saliba marru gabu ghodda mill-van biex b'dawk l-ghodda jkomplu l-agressjoni fuq Saliba.

Illi ghalhekk huwa car li anke kieku Saliba b'l-agir tieghu holoq perikolu, Borg u shabu facilment setghu l-ewwel u qabel kollox ma jsegwux lil Saliba u minflok jidhlu fil-van taghhom u jitilqu 'l hemm. Huma fil-fatt ghazlu li jaghmlu l-kontra u cioe isegwu lil Saliba mbaghad marru fil-van, mhux biex jaharbu imma biex igibu ghodda u bihom jergghu jattakkaw lil Saliba.

Illi huwa car li f'dan il-kwadru ta' fatti u fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata li l-imputat u Borg *would not escape though they could*. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-agir ta' Saliba holoq xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'l-ebda mod iehor minn Borg u l-imputat. F;dawn ic-cirkostanzi l-imputat ma jistax jinvoka l-iskrminanti tal-legittima difesa.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal fir-rigward ta' l-imputazzjoni issa in ezami l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza offiza gravissima kif definita f'l-artikolu 218 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'l-aggravju predispost f'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9.

Illi jirrizulta li bhala rizultat ta' dan l-incident Saliba soffra diversi griehi: skond ma ccertifkat Dr Maria Galea kellu diversi abrazzjonijiet ma' hafna partijiet ta' gismu u kellu lacerazzjoni f'daru u ksur f'wahda mill-irkiekel ta' daru.

Illi ghandu jigi rilevat li l-klassifikazzjoni ta' griehi ai fini ta'l-artikoli 216, 218 u 221 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija kwistjoni ta' natura legali li ghandha tigi determinati mill-Qorti u hux mit-tobba. Certifikat mediku (u dak li jistghu jghidu professjoniti medici) ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ai fini biss tad-deskrizzjoni tal-griehi u mhux ai fini tal-klassifikazzjoni tal-griehi; u l-Qorti mhiex marbuta bil-klassifikazzjoni tal-griehi li jaghmlu t-tobba. Il-principji li jirregolaw il-klasifikazzjoni legali ta'

griehi ai fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti f'l-ordinament guridiku taghna. Fil-gurisprudenza huwa pacifiku li:

> *Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza.*[24]

Illi ghalhekk indipendentement minn kif jikklasifikaw il-griehi t-tobba, hija il-Qorti li, ai fini tal-proceduri odjerni, trid tiddetermina n-natura tal-griehi u cioe hekk kienux hfif, gravi jew gravissimi fit-termini ta'l-artikoli 221, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jibda biex jigi rilevat li fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali indika l-artikolu 218 b'mod generali[25], pero m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-artikolu 218 jinkludi ukoll referenza ghall-artikoli 216 u 221 in kwantu reati minuri, komprizi u involuti f'dak prospettat f'l-artikolu 218.

L-artikoli 216, 218 u 221 fuq imsemmija jipprovdu li:

> ***216.*** *(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, .....u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*
> *(a) jekk tista' ġġib periklu -*
> *(i) tal-ħajja; jew*
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

[24] Ref Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi Appell Kriminali deciz 30.07.2004.
[25] F'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-Avukat Generali ghandu jkun aktar specifiku fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju meta jelenka l-artikoli tal-Ligi li fihom tista' tinstab htija.

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f' periklu attwali tal-hajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

*………….*

***218.** (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa' xhur sa disa' snin -*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*
*(ċ) ........................*

*(2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem, u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.*

***221.** (1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa*

Illi jirrizulta li Antoine Saliba soffra diversi abrazzjonijiet, lacerazzjoni u ksur fir-rukkel ta' daru.

Illi abbrazzjonijiet zgur ma jaqawx taht xi wahda mid-definizzjonijiet ta' griehi gravi jew gravissimi skond l-artikoli 216 u 218 rispettivament ghalhekk ghandhom jigu klassifikati bhala griehi ta' natura hafifa.

Illi l-lacerazzjoni kienet f'dar Saliba (ghalhekk mhux f'wiccu, ghonqu jew idejh), ghalkemm deskritta bhala wahda fonda ma ppenetratx xi kavita tal-gisem[26], u mill-provi ma jirrizzultax li halliet xi konsegwenzi jew effetti fuq sahhtu jew il-funzjoni ta' xi parti minn gismu jew xi probabilta ta' xi diffett permanenti; konsegwentement anke din l-offiza (il-lacerazzjoni fiha nfisha) ghandha tigi klassifikata bhala wahda hafifa.

Illi Saliba kellu ukoll ksur fir-rukkel ta' daru; dan il-ksur gie ikkawzat mill-istess daqqa li kkawzat il-lacerazzjoni li kienet wahda fonda hafna. Kien dan il-ksur li wassal lil Dr Maria Galea biex tiddeskrivi l-griehi bhala gravi. Klassifikazzjoni li l-Qorti taqbel maghha tenut kont tad-dekors taz-zmien necessarju biex ifiq il-ksur f'l-ghadam, dekors ta' zmien imsemmi fis-subartikolu (1)(d) ta'l-artikolu 216.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li intuzaw zewg oggetti f'l-agressjoni li ssubixxa Saliba: invell, da parti ta' Jospeh Borg; u zappun, da parti ta'l-imputat. Kif diga intqal l-imputat ma jammettiex li huwa ta daqqa lil Saliba biz-zappun. Joseph Borg da parti tieghu mhux biss jammetti li ta daqqa b'l-invell lil Saliba imma adirittura jipprova jiskopla lill-imputat billi jghid li ghalkemm kellu iz-zappun f'idejh l-imputat ma tax daqqiet bih lil Saliba ghaliex lahaq wasal missier Saliba. Dawn il-verzjonijiet pero huma kontradetti mill-filmat ghaliex fil-filmat jidhru kjarament kemm Borg u l-imputat, b'l-ghodda f'idejhom qed jgiru wara Saliba. Ftit tal-hin wara jidher Borg, b'l-invell

[26] Skond ma jghallem il-Professur Sir Anthony Mamo *the cavaities of the body to which the reference is here made are the abdominal, the thoracic and the cranial* -- ref Notes on Criminal Law pagna 229.

f'idejh qed jigri 'l hemm u dak il-hin jidher l-imputat, biz-zappun f'idejh qed ixejru fid-direzzjoni ta' Saliba. Il-Qorti fil-fatt m'ghandha l-ebda dubbju li, kif qal Saliba, kemm Borg kif ukoll l-imputat tawh daqqiet, wiehed b'l-invell u l-iehor biz-zappun. Il-mod kif giet deskritta l-lacerazzjoni: it-tul taghha u kemm kienet fonda, flimkien mal-fatt li b'l-istess daqqa giet kawzata mhux biss din il-lacerazzjoni imma anke ksur fir-rukella m'ghandu jhalli l-ebda dubbju li dawn il-griehi gew inflitti b'daqqa taz-zappun. Tenut kont li z-zappun kien f'idejn l-imputat, huwa l-imputat li kkawza din l-offiza gravi fuq Saliba.

Ikkunsidrat

Illi fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni l-imputat huwa addebietat b'l-aggravju prospettat f'l-artikolu 217 cioe zieda fil-piena jekk l-offiza tkun giet ikkawzata *b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ.*

Illi ghalkemm ma saret l-ebda referenza ghal dan l-addebitu waqt is-sottomissonijiet mill-provi tal-prosekuzzjoni jidher li dan l-abbedietu qed jigi bazat fuq l-allegazzjoni li l-imputat uza l-pepper spray f'l-aggressjoni kontra Antoine Saliba.

Illi meta Antoine Saliba jirreferi ghall-uzu tal-pepper spray fid-depozizzjoni tieghu ma jispecifikax minn kien qed juza l-pepper spray imma jghid li meta mbotta lil Borg telaq jigri u "*gew jigru kollha warajja u jisprejjaw l-bottijiet tal-pepper spray*". Melvin Catania jghid li ra spray itir pero ma jafx f'idejn min kien; Jospeh Borg jghid li l-pepper spray kien f'idejn Saliba. PS 601 Justin Camilleri da parti tieghu jghid li hu ma ra l-ebda bottijiet tal-pepper spray[27] pero jghid li ra residue ta' dak l-ispray fuq Antoine Saliba. Mill-filmat mehuda mic-CCTV ma jidhrux bottijiet tal-pepper spray.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li tezisti xi prova 'l hemm minn kul dubbju dettat mir-raguni li jekk intuza pepper spray kien propju l-imputat li uzah.

Illi ghalhekk it-tieni imputazzjoni tirrzulta sodisfacjentement pruvata in kwantu tirreferi ghal offizi fit-termini ta'l-artikoli 216(1)(d) u 221 minghajr l-aggravju prospettat f'l-artikolu 217.

---

[27] Fil-fatt ma jirrizultax li nstabu bottijiet tal-pepper spray.

## It-Tielet Imputazzjoni

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospetta f'l-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li volontarjament ikkawza hsara fil-vetturi ta' Antoine Saliba u Carmel Saliba.

Illi mill-provi processwali jirrizulta li waqt l-incident mertu ta' dawn il-proceduri l-imputat ta daqqiet biz-zappun li kellu f'idejh fuq il-karozza ta' Antoine Saliba u anke fuq ta' Carmel Saliba. Dan jirrizulta mhux biss minn dak li jghidu Saliba imma anke minn dak li jghid Joseph Borg (ghal dak li jirrigwarda il-vettura ta' Carmel Saliba).

Illi dwar l-entitata u n-natura tal-hsara kawzata ftit li xejn hemm provi minbarra zewg quotations ghal xoghol ta' panel beating u spray fuq iz-zewg vetturi, u ricevuta ta' mera. Mill-atti ma jirrizultax fejn fil-vetturi giet ikkawzata l-hsara stante li l-ebda wiehed mix-xhieda ma specifika fejn u x'tip ta' hsara giet ikkawzata; lanqas ma gew prezentati xi ritratti. Aktar minn hekk (minbarra l-ircevuta li tirreferi ghal mera) il-quotations ma jaghtux wisq informazzjoni hlif b'mod generiku ghall-ahhar kemm huwa propsettat li jiswa x-xoghol tal-panel beating u x-xoghol ta'l-ispray.

Illi ghalkemm il-Qorti m'ghandhiex dubbju li l-imputat ta daqqiet fuq iz-zewg vetturi b'zappun u li dawn id-daqqiet ikkawzaw hsara, ma jistax jinghad li ngiebet l-ahjar prova ta' kemm verament kienet tammonta din il-hsara. Fin-nuqqas ta' din  il-prova, b'applikazzjoni tal-principju *in dubbio pro reo*, u tenut kont ta' dak li kien jipprovdi l-artikolu 325 fiz-zmien meta sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, il-Qorti fil-waqt li tista' facilment tikkonkludi li l-ammont ta' hsara kien izjed minn tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29), ikollha tikkonkludi li l-dak l-ammont ma kienx jiskorri mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Illi tenut kont tas-suespost l-imputazzjoni issa in ezami tirrizulta fil-paramentri imsemmija.

## It-Raba' Imputazzjoni

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuza li f'l-incident in ezami kellu fil-pussess tieghu munizzjon (pepper spray) projbit ai termini ta'l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif intqal fil-motivazzjonijiet dwar t-tieni imputrazzjoni mill-provi processwali ma jitsax jinghad 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li ntuza pepper spray u jekk iva min minn.

Illi ghalhekk din l-imputazzjoni ma tistax tissussisti.

## Il-Hames Imputazzjoni

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat kontravvenzjonali prospettat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta cioe il-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi biex jissussisti dan ir-reat *irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil*[28].

Illi bla dubbju permezz ta'l-agir tieghu l-imputat, li flimkien ma' persuni ohra, agredixxa persuna armat b'zappun, waqt li kien hemm terzi persuni fit-triq[29], jikostitwixxi ksur ta' bon ordni u paci pubblika kif hawn deskritt.

## Is-Sitt Imputazzjoni

Ikkunsidrat

[28] Ref il-Pulizija vs Pio Galea ppell Kriminali deciza 17.10.1997.
[29] Dawn in-nies jidhru fil-filmat.

Illi permezz ta'l-ahhar imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bi twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospieza. In sostenn ta' din l-imputazzjoni tressqet bhala prova sentenza datata 15 ta' Novembru 2007 mghotija fil-konfront ta' l-imputat[30] u li permezz taghha gie kkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal perjodu ta' erbgha snin.

Illi l-fatti li taw lok ghal proceduri odjerni sehhew fil-5 ta' Awissu 2011 u ghalhekk fi-perjodu operativ tas-sentenza fuq imsemmija; konsegwentement l-imputazzjoni issa in ezami tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju l-ewwel fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat li bla dubbju huma reati gravissimi. Hadet in konsiderazjoni ukoll l-fedina penali aggornata ta' l-imputat; il-fedina hija pjuttost preokkupanti. Minnha jidher li l-imputat intstab hati b'diversi sentenzi tul is-snin ghalkemm jidher ukoll mill-atti li dawn l-ahhar snin l-imputat ma regghax kien involut f'xi incidenti.

Illi fattur iehor li l-Qorti tikkunsidra determinanti ai fini ta' piena huwa l-problema li ghandhu l-imputat b'l-abbuz tad-droga. Din hija problema li ilha ezistenti ghal diversi snin; inizjalment kien jabbuza mill-kokajina u cannabis u eventwalment waqaf jabbuza mill-kokajina izda kompla bil-cannabis. Issa pero fil-waqt li waqaf jiehu cannabis rega' beda jiehu l-kokajina. Aghar minn hekk jirrizulta li dawn l-ahhar sentejn l-imputat beda jaffacja problemi serji ta' sahha li ghalkemm jidher li wassluh biex jitghallem jirregola l-komportament tieghu, ghadu ma wasalx biex jammetti li ghandu problema b'l-abuzz tad-droga.

Illi tenut kont ta' dan il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti lill-imputat l-ahhar opportunita biex jindirizza effettivament il-problema tad-droga b'l-ghan li r-riabilitazzjoni tieghu tkun wahda effettiva u duratura.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal offizi ta' natura gravissima fit-termini ta'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

[30] Esebita bhala Dok 7 a fol 176A.

Malta u in kwantu taddebitah b'l-aggravju prospettat f'l-artikolu 217 tal-Kapitolu 9, u fil-waqt li ma ssibux hati tar-raba imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 28B, 214, 215, 216(1)(d), 221, 325(1)(c) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal offiza ta' natura hafif u offiza ta' natura gravi; tat-tielet imputazzjoni b'dan li l-ammont ta' hsara huwa dak ravvizat fil-paragrafu (c) ta'l-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9[31]; tal-hames imputazzjoni; u tas-sitt imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht **ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. In oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte civile Antoine Saliba u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika qed **torbot lill-imputat b'obilgazzjoni tieghu innifsu ghall-perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn Euro (€2,000)** u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In konkluzzjoni l-Qorti qed taghzel li ma ddahhalx fis-sehh is-sentenza sospieza mghotija fil-15 ta' Novembru 2007.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

[31] Fil-perjodu meta gew kommessi r-reati odjerni.